

# F'Għeluq il-125 Sena tal-Pijunieri tal-Klabbs Maltin tal-Futbol

**Kitba ta' Sunny Aquilina**

Din is-sena jaħbat għeluq il-125 Sena mit-twaqqif tas-**St.George's Football Club** li uffiċjalment iġib id-data tat-twaqqif tiegħu fl-1890 mit-tliet timijiet ta' St.Andrew's, St.George's u Santa Margerita. Dan huwa l-aktar tim antik fl-istorja tal-futbol Malti u għalhekk mhux ta' min iħalli dan l-anniversarju għaddej bla ma nitkellmu ftit fuq l-istorja ta' dan it-tim ewlieni ta' Bormla.

Sa mit-twaqqif tiegħu dan it-tim kien jilgħab l-aktar kontra timijiet tas-servizzi u niftakar l-antiki jsemmu l-famuża logħba kontra l-H.M.S. Duncan fl-1910 li l-Bormliżi kienu rebħu 1-0 fil-ground ta' Kordin. St.George's għamlu diversi rebħiet oħra kontra timijiet tas-Servizzi u rebħu tazzi oħra magħrufa bħala *Challenge Cups*.

L-ewwel tletin sena kienu snin tad-deheb għas-St.George's li matulhom rebħu kull unur li kienet toffri l-logħba tal-futbol fl-ewwel snin tagħha. Baqgħu jissemmew il-logħbiet kontra Floriana, l-ewwel waħda li ntlagħbet il-Marsa fit-13 ta' Mejju, 1900 li l-Bormliżi rebħu 3-1 u t-tazza għadha fil-każin bl-ismijiet tal-players fuqha, u l-oħra tal-Imtarfa fl-1912 li ntrebħet minn Floriana. Il-players ġieli ngħataw midalja kommemorattiva wara xi rebħa kif kien il-każ taż-żewġ logħbiet li semmejna kontra Floriana u l-H.M.S. Duncan. Ta' min jgħid li fl-istaġun 1909/1910 St. George's lagħbu 15-il logħba; rebħu 13, ġew draw 2 u ma tilfu l-ebda logħba, hekk li kienu jissejħu *Civilian Champions*. Fl-istaġun 1908/09 rebħu l-*Junior League*. L-ewwel darba li ħadu sehem fil-kampjonat kien fl-istaġun 1911/12 u l-ewwel logħba kienet kontra Sliema Wanderers, li l-Bormliżi rebħu 2-0.

Wara l-kampjonat saret *Knock Out* li ġiet mirbuħa minn St.George's meta fil-finali tal-MFA Cup għelbu lis-St. Joseph United 3-0. Fl-istaġun 1913/14 Bormla spiċċaw indaqs ma' Ħamrun Spartans, imma l-kampjonat ħaduh il-Ħamrun bil-*goal average*. Hawn ta' min jirrimarka li f'dan

l-istaġun St. George's kien l-ewwel tim li lagħab barra minn Malta meta f'Tunis lagħab żewġ logħbiet li rebaħhom it-tnejn, waħda kontra Tunis XI li l-Bormliżi rebħu 8-1.

Imma ċertament li l-aqwa staġun ta' kull żmien għas-St. George's kien dak tal-1916/17 meta għamlu *double* billi rebħu kemm il-kampjonat kif ukoll in-*Knock Out*. Fil-logħba *decider* għall-kampjonat Bormla rebħu lis-Sliema Wanderers 4-0 waqt li fil-final tan-*Knock Out* rebħu l-**Cousis Shield** bl-iskor ta' 1-0 kontra Valletta.



***St George's 1916-1917**, rebbieħa tal-Kampjonat Malti u l-Cousis Shield*

St. George's reġgħu rebħu l-**Cousis Shield** meta rebħu n-*Knock Out* għat-tielet darba fl-istaġun 1926/27 meta għelbu lil Valletta Rovers 1-0.

It-tim tas-St. George's spiċċa *Runner Up* tal-kampjonat fl-1913/14, 1917/18, 1929/30 u 1939/40. Fl-istaġun 1939/40 kien rebaħ ukoll il-*Christmas Cup*. Qabel il-gwerra baqgħet tissemma' l-logħba kontra t-tim qawwi Ungeriż ta' Ferencvaros fejn il-Bormliżi kienu ġabu l-aħjar riżultat kontriehom (1-3) u kien għamel logħba kbira l-gowler Wenzu Gabaretta.

Wara l-gwerra, f'Diċembru 1959, baqgħet tissemma' l-logħba kontra t-tim Awstrijak Grazer A.K. li wkoll St. George's kienu ġabu l-aħjar riżultat meta rebħulhom 1-0 minn *penalty* skurjat minn Eddie Mizzi (il-Bagaga). Hawn ta' min isemmi li dan kien l-ewwel goal li daħal fil-lasti



*It-Tim tas-St George's ta' Bormla fis-sena 1947*

tondi, peress li minn din il-logħba bdew jintużaw dawn il-kwalità ta' lasti. L-aħjar staġun kien dak 1974/75 meta St. George's kienu spiċċaw fit-tielet post fl-ogħla kampjonat tal-Futbol Malti.

Minbarra fl-ogħla kategorija, St. George's kellhom ukoll bosta suċċessi f'diviżjonijiet oħra, l-aktar fit-Tieni Diviżjoni sal-1979/80 u wara fl-Ewwel Diviżjoni meta fl-istaġun 1980/81 kien introdott il-Premier bħala l-ogħla kategorija. L-aħjar staġuni fit-Tieni Diviżjoni kienu l-istaġuni 1958/59 meta St. George's rebħu l-logħbiet kollha tal-kampjonat u rebħu wkoll in-*Knock Out*, 1971/72 u 1973/74.

Fl-1957 inħatar *captain* tat-tim Peppi Delceppo li baqa' dejjem leali ma' St. George's li tassew kien għal qalbu u ħadem ħafna għat-tim. Kien anke ngħażel l-aħjar *captain* fi staġun minnhom. St. George's rebħu wkoll is-*Sons of Malta Cup* tat-Tieni Diviżjoni, kampjonati tar-*Reserves* u tal-*Minors*. Fl-1990 is-St.George's iċċelebraw bil-kbir għeluq il-100 Sena mit-twaqqif tal-klabb, u ġiet ippubblikata l-istorja tas-*St. George's Football Club* ta' Bormla fi ktieb bl-isem *Il-Pijunieri tal-Football Malti* kitba ta' Sunny Aquilina, Louis Fsadni, Harry Garrett u Louis Spiteri.

F'dan l-anniversarju tal-125 Sena nsellmu lil għadd kbir ta' diriġenti u tekniċi, li mexxew lit-tim, plejers, partitarji u dawk kollha li għenu lil dan it-tim li twaqqaf 125 Sena ilu.

Hekk nawguraw li St. George's, il-pijunieri tal-logħba tal-ballun mill-Maltin għall-Maltin, l-ewwel tim li rrappreżenta belt, il-Belt Cospicua, jibqa' miexi jżomm l-istorja tiegħu fil-ġejjieni.



*Staġun 1971-1972: Il-Partitarji Bormliżi fl-Empire Stadium tal-Gżira waqt il-logħba kontra Vittoriosa Stars*


